# GĦAJDUT, QLAJJIET U FOLKLOR FUQ IR-RETTILI U L-AMFIBJI TAL-GŻEJJER MALTIN

Kitba u ritratti ta' **Arnold Sciberras**
Disinji ta' **Jeffrey u Romario Sciberras**

**Kważi r-rettili u l-amfibji kollha tal-gżejjer Maltin matul is-snin ntqal fuqhom għajdut u inqalgħu dwarhom qlajjiet minħabba l-apparenza, il-mod kif jiċċaqalqu, jew il-mod kif jikkomunikaw. Ħafna minn dawn il-qlajjiet huma ta' xeħta negattiva u ftit li xejn għenu biex dawn l-organiżmi joktru u jiżegħdu fis-selvaġġ.**

L-artiklu fuq dan is-suġġett li ġie ippublikat fl-aħħar 'Imnara' ġabar dak kollu li instab fuq il-gremxula ta' Malta. Dan ix-xogħol preżenti se jiġbor il-bqija tar-rettili ta' Malta kif ukoll l-amfibji.

## XI ĦAĠA OĦRA FUQ IL-GREMXUL...

Mill-aħħar kitba 'l hawn ġbart xi affarijiet oħra fuq il-gremxul. Kif semmejna, il-kulur li jkollha din l-ispeċi fi żmien in-namra huwa wieħed li jiġbed l-għajn, u barra li kien hawn Maltin li joqtlu l-gremxul bil-wadab, kien hawn xi barranin li xtaqu jieħdu xi eżemplar lura lejn pajjiżhom għal xi raġuni jew oħra imma sabuha diffiċli jakkwistawhom minħabba il-ħeffa li għandhom. Kien hawn nies li pruvaw diversi sistemi (li ħafna minnhom kienu jintużaw ukoll għall-għasafar fosthom waħda imsejħa **turmentina**). Fl-1843 ġie ddukumentat minn ċertu George Waring li kien qed iżur pajjiżna u baqa' mistagħġeb bl-isbuħija ta' dawn l-annimali, iżda sabha diffiċli li jaqbad xi eżemplari. Kien uża sistema magħrufa bħala 'blow-pipe' li kien juża f'pajjiżu fuq ħlejjaq oħra. Din kienet tikkonsisti fi tliet biċċiet kanen (biex ikun eħfef li ġġorrhom) li jintramaw f'waħda u jlaħħqu tul ta' bejn wieħed u ieħor 90cm (il-ħxuna mhix magħrufa). Kienet tigi ikkargata b'boċċi żgħar ta' tafal ippressat. Wieħed jimmira lejn il-priża, jonfoħ bis-saħħa u peress li l-boċċa tat-tafal tkun magħmula eżatt biex tiġri ġol-kanna, l-arja kienet tisparaha b'saħħa kbira lejn il-priza. Mhux magħruf għala ried jieħu dawk l-eżemplari li storda jew qatel lura miegħu imma jgħidlek li ħadhom lura lejn daru ġo flixkun wiesa' ta' l-inbid. L-istess metodu intuża biex qabad il-wiżgħa tal-kampanja. Fl-istess dokument hemm miktub li dan huwa sport pjaċevoli u minn banda huwa irħas mill-qtil ta' l-għasafar. Mill-kitba dan l-awtur juri li ma tantx kien jogħġbu l-qtil ta' l-għasafar imma ma jsibiex daqshekk bi kbira li joqtol ħlejjaq żgħar bħal rettili. Fl-istess kitba isemmi ukoll li ltaqa' ma ħafna xaħmet l-art u ma' serp wieħed. It-tieni ħaġa li ġbart rigward il-gremxula hija l-unika rabta ta' dan ir-rettili mal-mediċina. Wieħed mill-ħafna rimedji għall-felul lejn Ghajn Tuffieħa u anke xi partijiet mill-Mellieħa kien li tinqabad gremxula u tinqasam min nofs, ħajja, fuq il-felula u mbagħad bija togħrok id-demm sħun. Mhuwiex magħruf f'liema epoka dan kien isir. L-aħħar ħaġa li ġbart huma żewġt iqwiel marbuta ma' dan l-annimal u frazi: **Għawdxi żokrati l-gremxul ħasbu kavati**, li jfisser li l-Għawdxi huwa rgħib wisq. **Min għandu l-faham miblul kull xkumvata jaħsibha gremxul**, li jfisser li min ikollu t-tort qatt ma jgħix bil-kuxjenza kwieta u jaħseb ħazin f'kollox. Il-frazi li ġbart hi għal xi ħadd li jkun qiegħed jieħu ħsieb jew għassa ma' xejn, ma' xi ħaġa li mhix importanti jew jaħdem f'xi post diżabitat. Tismagħhom jgħidulhom lil dawn in-nies: **dak xoghlu ghassa mal-gremxul**.. Tintqal f'ħafna inħawi f'Malta tant li ġieli inkitbet f'xi stejjer lokali miktubin bil-Malti.

## IL-WIŻA'

Fil-gżejjer Maltin għandna żewġ speċi ta' wiża'; il-wiżgħa tal-kampanja "(*Tarentola mauritanica*)) li tlaħħaq tul ta' madwar 15cm u il-wiżgħa tad-djar (*Hemidactylus turcicus*) li tlaħħaq tul ta' madwar 10cm. Barra id-daqs, id-differenza bejniethom hija vasta, fosthom il-kuluri u il-qagħda. Fil-waqt li il-wiżgħa tal-kampanja għandha il-ġilda tixbah lil dik ta' kukkudril, tad-djar m'għandiex dawk il-qxur daqshekk ħorox u lewnha hu minn vjola ċar għal roża skur li jagħti l-impressjoni li hi trasparenti. F'ċertu postijiet f'ġisimha jekk wieħed jaraha sew, huwa vera li tista' tara l-forma ta' l-organi ta' ġewwa speċjalment in-naħa posterjuri lejn iż-żaqq. Id-differenza li wieħed għandu jfittex sakemm jidra jagħraf dawn l-ispeċi hija dik tad-dwiefer (ara l-ewwel kitba). Bla dubju ta' xejn il-wiża' huma l-iktar rettili mistkerrha f'pajjiżna. Minnbarra l-istruttura tagħhom u l-ħila li jitilgħu ma' uċuħ lixxi ħafna, ħafna jgħidulek u jemmnu li dawn għandhom xi tip ta kolla ma saqajhom u dan m'hu minnu xejn. Il-ħila li għandha il-wizgħa biex titla' ma dawn l-uċuħ huwa meravilja tan-natura għax fil-verita xejn m'hu daqshekk lixx.

Jekk wieħed jara wiċċ ta' - ngħidu aħna - ħġieġa taħt mikroskopju qawwi jinnota li f'dak iċ-ċokon xorta ikun hemm ftit tħarbit. Dak hu li jippermetti lil dawn ir-rettili jiggranfaw u jaqbdu. Jekk bl-istess mod nagħtu ħarsa lejn il-pali ta' idejn u saqajn il-wiżgħa ninnutaw li l-fili tal-marki tas-swaba' (dawk li fil-bniedem jissejjħu *fingerprints*) tagħha huma fondi ferm u jekk tħares bejn dawn il-fili ssib qishom bħal ganċijiet mikroskopiċi li jqabbdu ma' l-iċken tikmixa tal-wiċċ li jkunu fuqu. Hawn minn jgħidlek li għandhom saqajhom bħal '*suckers*'. Ghalkemm dan mhux eżatt imma fir-realta l-istruttura tas-sieq tifforma ukoll xi tip ta' vakum li tkompli tgħin lill-ganċjiet biex is-sieq tqabbad.

Il-wizgħa dejjem kienet meqjusa bħala animal ikrah, moqżież u diżkustanti. Mhux l-ewwel darba li tisma' lil xi ħadd jgħidlek 'qisha wiżgħa din daqs kemm hi kerha' Fl-antik kienu anki jassoċjawha mal-mard tal-ġilda fosthom il-ġdiem. Dan minħabba id-dehra tal-ġilda speżjalment dik tal-wiżgħa tal-kampanja u l-mod kif tinża' l-ġilda l-qadima. Il-wiża' jinżgħu l-ġilda f'biċċiet żgħar u twal imdendlin, mhux bħas-serp, li jinża' l-ġilda sħiħa, u lanqas bħall- gremxula jew ir-rettili l-oħra li jinżgħu b'mod differenti u ħafna drabi tagħti dehra ta' xi ħaġa marida peress li il-ġilda l-antika tkun bajda. Biex tkompli tgħaxxaq kollox, biex ma taħli xejn dawn il-biċċiet iddur għalihom u tikolhom, allura tidher izjed bħala animal maħmuġ. G. Despott (naturalista Malti) fl-1915 kiteb li sabha diffiċli biex isib tfal jiġbrulu xi wiza' ghall- studji tiegħu. Jien stess niftakar lil nannti tgħidli biex ma naqbadx wiza' b'idejja għax jistgħu imarduli il-ġilda - ħaġa li m'hi minnha xejn. Meta kont qed niġbor dan it-tagħrif indunajt ukoll li lill-wiżgħa tad-djar hawn ħafna jaħsbuha li hi l-ferh tal-wiżgħa tal-



**Id ta' wiżgħa minn taħt.**



**Sieq ta' gremxula minn fuq.**

kampanja u jaħsbu li hi wiżgħa marida li waslet biex tmut. Fiehmuni għala jaħsbu hekk u qaluli li il-ġilda tibda tiddajjef allura issir trasparenti u jibdew jidhru l-affarijiet ta' ġewwa.

Qlajja' oħra interessanti hi li meta wiżgħa tixxemmex ħafna il-ġilda tagħha tinħarqilha, tibjadilha u tintela bit-tikek ħomor. Dan hu kollu minnu imma m'għandu xejn x'jaqsam max-xemx. Il-wiżgħa filgħodu kmieni tiskura l-kulur tal-ġilda biex tassorbi kemm jista' jkun malajr energija mis-sħana tax-xemx. Li jiġri wara hu li kif tassorbi biżżejjed enerġija, tiċċara l-kulur taghha biex b'xi mod tikkontrolla naqra t-temperatura tagħha. Irridu inżommu f'rasna li ir-rettili huma animali ta' demm kiesah u dawn ma jikkontrollawx it-temperatura ta' ġisimhom bħalna, imma ġeneralmant it-temperatura tkun fl-istess jew ftit gradi differenza mill-ambjent ta' madwarhom. It-tikek ħomor m'huma xejn ħlief tip ta' qurdien żgħir ħafna (li probabbli hu l-istess li jinstab fuq il-gremxul speċjalment ta' gżejjer żgħar) li f'temperaturi normali ssibu fl-irkejjen tal-ġisem (bħal bejn is-swaba', taħt l-abt ta' l-id u tas-sieq, madwar l-għajn u ħdejn it-toqba tal-widna) u meta togħla t-temperatura din il-qurdiena tinfirex mal-ġisem.

Għajdut ieħor magħruf ħafna hu li l-wiżgħa toqtol l-għasafar tal-gaġġa bil-qata' li tagħtihom jew bil-kruha tagħha meta jarawha u tisraqilhom il-bajd. Ma naħsibx li din ta' l-aħħar żviluppat mix-xejn għax nemmen li għasfur (bħal ta' l-għana) jista' jitgerrex u jinħasad minn wizgħa li tista' tlaħħaq ċertu daqsijiet pjutost ikbar mill-għasfur. Insibha diffiċli biex nemmen li tisraq il-bajd għax dan ir-rettili ġeneralment jattakka priża li tiċċaqlaq bħal baħrijiet, nemus, eċċ. Ma neskludix il-fatt li hu possibli li wiżgħa kbira hi kappaċi tibla' bajda ta' għasfur tad-daqs ta' l-għana speċjalment jekk ikun hemm riħa li tattiraha (bħal xi bajd mifquh) imma in-numri ta' l-attakki huma negliġibli u mhux kif jgħidu - li ma thallix bejta bi kwietha.
Isemmu ukoll li l-wiżgħa, meta tkun f'xi diffikulta jew f'xi ġlieda, twerżaq. Dan hu minnu għax meta tinqabad tagħmel dan il-ħoss ta' twerżiqa irqiqa. Ħaġa interessanti hi li n-nies jafu li l-wiżgħa għandha ilsien twil biżżejjed biex tilgħaq għajnejha. Dan hu minnu għax biex dan l-annimal iżomm għajnejh imxarrbin, jilgħaqhom. Il-kpiepel ta' l-għajnejn f'dan l-annimal ma jeżistux u dak huwa l-unika sors minn fejn jistghu jixxarbu. L-istess jintqal għad-denb meta jinqata' (bhal dik tal-gremxula) li jidgħi; imma ma tissemmiex l-istorja ta' żewġt idnub. Dan jista'

jkun għax il-każi ta' żewġt idnub fuq il-wiżgħa huma ħafna aktar rari milli fil-każ tal-gremxul.

Il-wiżgħa minn mindu ġiet iddokumentata l-ewwel darba, ġiet meqjusa bħala animal ikrah u mistkerrah. Waring fl-1843 jiddeskriviha bħala kerha u annimal li jidher feroċi u d-dehra ta' għajnejha hi ta' annimal kattiv. Illum għalkemm bl-edukazzjoni ħafna nies jafu li dan ir-rettili huwa ta' ġid u jidħol fid-djar għal-priża tiegħu, xorta waħda ma jriduhx f'darhom għax għad hawn min jemmen li l-wiżgħa tista' taqa' fuqu jew aktar mod umoristiku taqa f'ħalq dawk in-nies li jorqdu b'ħalqhom miftuħ.

## IX-XAĦMET L-ART

F'Malta insibu speċi waħda minn din il-familja (Scincidae). Ix-xaħmet l-art ta' Malta *Chalcids ocellatus* huwa wieħed minn dawk ir-rettili li huma meqjusa bħala speċi primittiva għax għandhom ħamest iswaba u huma qosra. L-isem Latin *ocellatus* ifisser **għajn** u din taqbel għal dan l-ispeċi għax dahru mimli tikkek suwed b'tikka oħra ġo fihom bajda li taghti id-dehra ta' ghajn. Dan l-annimal huwa tawwali u mibrum u għalkemm jidher tond imma għandu xorta erba' nahat. L-isem ta' dan l-annimal bil-Malti zviluppa għax jagħti d-dehra ta' gremxula kbira mimlija xaham titkaxkar ma' l-art. Fċerti irħula nsibu lil min jirreferi għalih bħala zalzett jew mazzit tal-ħitan (f'Birżebbuġa) u dawk li m'humiex intizi fin-natura jitfixklu ħafna l-isem ta' xaħmet l-art ma' ħanzir l-art (woodlouse) li huwa tip ta' krustaċ. Ix-xaħmet l-art ilu ħafna ippersegwitat f'pajjiżna. Barra li kien jinqabad u jinqatel għal xejn b'xejn u b'diversi modi, kien ukoll jinqabad għall- użu mediċinali. Dari, xi bdiewa kienu jippruvaw jolqtuh bil-minġel jew zappun jew xi għodda oħra tar-raba'. Dan l-annimal joħroġ minn xi ħajt tas-sejjiegħ nofsu barra mit-toqba jixxemmex jew jistenna xi serbut nemel għaddej u joqgħod inaqqar minnu u kif jara xi dell riesaq viċċin jidħol lura b'saħħa kbira. Meta jidħol b'lura diffiċli jinqabad, imma meta **jdur** biex jidħol - hemm ġeneralment kien ilaqqatha. Kien jinqatel ukoll bl-istess sistema tal-gremxula jiġifieri jisparawlu bil-wadab, iżda minnflok jintremew, dawk li kienu jkunu imdaqqsin (mhux anqas minn 10cm) kienu jinġabru u jittieħdu għand l-ispiżjar. Il-ħlas kien ikun ta' mhux aktar minn żewġ soldi u meta kien jinqabad xi wieħed kbir forsi kont takkwista tlieta (12-il sold jagħmlu xelin, 5 ċenteżmi tal- lum). Skond individwu li kellimt, l-annimal ried għallinqas ikun għadu sħun jew jidher m'ilux mejjet biex l-ispiżjar kien jaċċettah. Imma ħafna drabi l-iżpiżjar kien iridu mejjet ghax il-maggoranza ta' dawn in-nies kienu jibżgħu minnu jew jitqażżuh ħaj.

Skond informazzjoni li irnexxili nikseb, mix-xaħmet l-art kien jittieħed xi tip ta' żejt li kien joħroġ mix-xaħam tiegħu. Dan iż-żejt kien jitħallat ma' xi sustanza oħra meħuda mill-istess xaħam, kif ukoll ma' xi fdalijiet maħruqin tiegħu, u din it-tahlita kienet isservi bħala forma ta' loppju. Ix-xaħam tiegħu jingħad ukoll li kien jgħin nisa ħawlin (infertili) isiru għammiela u prolofiċi. Ingredjenti oħra minnu kienu jintużaw għall-problemi ta' l-għajnejn. Kienu ukoll jemmnu (sa fejn sibt jien mingħajr provi xjentifiċi) li x-xaham ta' taħt il-ġilda tiegħu kien jgħin lil min hu qargħi jew fartas biex jitlagħlu xagħru u dawk li qed jitfartsu biex jiqfilhom. Mhux eżatt magħrufa meta beda l-użu tax-xaħmet l-art fil-medicina imma skond dokument ilu żgur aktar mill-1843. Il-qbid ta' dan ir-rettili għal dawn l-iskopijiet dam sejjer żgur sas-sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor u dan ikkonfermajtu ma' persuna li fi tfulitha kienet taqbad ix-xaħmet għal dawn l-iskopijiet li semmejna. Il-qtil ta' dan ir-rettili naqas ħafna fid-disgħinijiet meta ġie protett mal-bqija tar-rettili l-oħra, zdiedet l-edukazzjoni fuq dawn il-ħlejjaq. Illum għad hawn ħafna minn jaħseb li ix-xaħmet l-art għandu ġilda tleqq għax jirħi ż-żejt mill-pori tal-ġilda biex ikun jista' jiżloq. Dan mhu xejn minnu għax dan ir-rettilu ma jirħi l-ebda żejt imma għandu il-qxur ileqqu minnhom infushom. L-istruttura ta' kif hu mibni dan l-annimal hi kemm xejn differenti mis-sriep u mil-gremxul għax il-ġilda fiha nfisha qisha tarka ta' protezzjoni għalih. Li kellek tara xi xaħmet li ilu ftit mejjet, malajr tinnota li ma jkunx hemm biss l-iskeletru tieghu (li għall-proporzjon ta' dan l-annimal hu zgħir u dgħajjef) imma jkun hemm ukolll hafna drabi l-qxur ta' barra għadhom sħaħ.

Tisma' ukoll minn jgħidlek li jekk taqtalu saqajh jew denbu jergghu jitilgħu. Ma rridx nidhol fil-moral tal-ħaġa imma żgur li dan mhux minnu. Id-denb veru jerġa' jitla' imma bil-mod ħafna u inqas effiċċjenti minn dak ta' gremxula. Jgħidulek ukoll li jekk jigdmek xaħmet l-art jaqbad miegħek u ma taqalgħu b'xejn, u trid ittajjarlu rasu biex taqalgħu u fejn jigdmek jintefaħlek ħafna. Huwa minnu li dan l-annimal għandu ġidma veru b'saħħitha. Ma rridux neskludu l-fatt li dan jiekol frott u insetti b'qoxra iebsa sa anki bebbux, imma jista' wieħed jevita li jingidem billi ma jmissux jew jittantah għal xejn. Ix-xaħmet ġeneralment jaħrab u jirtira jekk ikun jista'. Dan ir-rettili mhux valenuż u m'għandux fih xi likwidi li jirritaw. Imma qatt ma tista' tgħid xi jkun għadu kemm kiel. Ħaġa oħra nteressanti li smajt mil-Qrendi u Birżebbuġa hi li x-xaħmet l-art jiekol il-qxur tal-bajd tiegħu għalhekk ma ssibx bajd tiegħu, u li jżoqq ukoll il-frieħ. Dan mhux minnu. Xejn affattu. Ir-raġuni hi li ix-xaħmet huwa l-unika rettili f'pajjiżna li ma jbidx imma jwelled, allura qatt ma tista'

issib bajd tiegħu. Din il-qlajja' forsi qamet għax mhux l-ewwel darba tara xi wieħed minnhom jiġri b'xi bajda ta' xi animal ieħor ġo ħalqu peress li dan jiekol kull ma jista' jlaqqat. Minn naħa l-oħra ma naħsibx li hu minnu li jżoqq il-frieħ għax il-maġġoranza ta' dawn ir-rettili jabbandunaw iż-żgħar tagħhom u ġieli jkun jkun hemm anke każi ta' kannibalizmu. Imma mhux l-ewwel darba li ssib xi xaħmet adult qrib iż-żgħar tagħha.

Ħaġa interessanti (li ħafna nies innutawha bħali) hi l-passi li jħalli warajh dan l-animal. Din anki ġieli ssemmiet f'xi kitbiet. Dan ir-rettili, speċjalment meta jiġri fuq ir-ramel, iħalli warajh marka li tixbaħ dik li jħalli 'tyer' ta' rota. Jekk ma tkunx taf li huma marki tax-xeħmet taħseb li huma ta' rota għax għandek ħaġa ħoxna fin-nofs magħmula minn ġismu u ħafna tikkek maż-żewġt iġnub magħmulin minn saqajh. Aħna n-naturalisti nafu li f'Kemmuna jeżistu xaħmet l-art pjuttost ikbar minn dawk ta' Malta. Filwaqt li huma l-istess speċi ta' xaħmet (sa fejn nafu s'issa), l-ikbar xahmet li qatt ġew irrekordjati, kemm f'dak li hu tul u anke ħxuna, kienu minn Kemmuna. Jista' jkun li dawn huma ġenetikalment differenti imma jista' jkun ukoll li dawn jingħataw aktar ċans li jgħixu! Biex nagħlaq bit-tajjeb fuq dan l-annimal: dan l-aħħar il-popolazzjoni tiegħu f'Malta reġgħet bdiet tiżdied u issa b'kuntentizza ngħid li anki beda jidher f'ċertu lokalitajiet fejn kien ilu ma jidher is-snin.

## IL-KAMALEONT

Minn din il-familja f'Malta insibu speċi waħda. Din hi il–kamaleont li nsibu fl-Ewropa (*Chamaeleo chamaeleon*). Dan ir-rettili mhux minn dejjem kien jinstab Malta. Inġab hawn bejn l-1846 u l-1865 minn xi missjunarji protestanti. Minn dak iż-żmien 'l hawn dan l-annimal infirex u sab postu fl-ambjen naturali Malti fejn jikkompeti għall-anqas ma' rettili oħra peress li jippreferi s-sigar u l-ambruxxelli fil-waqt li l-oħrajn iħobbu l-art u l-ħitan. Izda xorta xi kultant huwa ta' dannu għax meta jsib ruħu b'nuqqas ta' insetti u f'ambjent ristrett ma' ħlejjaq oħra (bħal eżempju - fuq Kemunett), hemmhekk dan l-annimal jikkaċċja ukoll il-gremxul li dawn huma popolazzjoni endemika tal-post allura huma vulnerabli għal bidliet bħal dawn. Kapaċi jlaħħaq tul ta' madwar 30cm imma ħafna drabi f'pajjizna insibuh ġeneralment ferm iżgħar. Ibid ġol-bejta madwar ħmistax-il bajda.

Għalkemm xi darba jew oħra lil dan l-annimal kulħadd sema' bih, il-maggoranza tan-nies qatt ma raw wieħed. Waħda mill-raġunijiet probabli hi l-ħila ta' dan l-annimal li jinħeba fl-ambjent li qiegħed fih permezz tal-kuluri tiegħu u il-mod kif jimxi. Meta din il-kreatura tipprova tinħeba mill-għadu jew mill-priża saħansitra timxi l-quddiem u lura bl-iskossi qisha werqa fir-riħ. Ħafna jaħsbu li skond fuq xiex ikun dan l-annimal ġismu ibiddel il-kulur awtomatikalment imma dan mhux minnu. Barra li jbiddel il-kulur biex jinħeba, jbiddlu ukoll biex juri l-emozzjonijiet. Imma l-aktar li juża l-kulur hu biex jikkomunika ma' sħabu. Filwaqt li kamaleont kalm issibu ta' kulur il-ħaxix, wieħed irrabjat issibu minfuħ, b'ħalqu miftuħ u ta' kulur iswed. Ħafna jaħsbu li jekk issibu fuq il-madum abjad u hu jkun ta' kulur griz ċar allura jkun wasal biex imut. Hawn min jaħseb għalhekk li l-madum joqtol lil dan l-annimal. Fil-verita il-madum ma jagħmel xejn lil din il-ħlejqa, imma kamaleonte bajdani ħafna (u għajnejh fil-ħofra) jindika li il-mewt hi viċin. Minbarra din tal-maduma, jissemma wkoll li jekk tagħmlu fuq l-aħmar imut. Skond ċertu nies, meta l-kalameonte jkun fuq l-aħmar tant jippompja il-vini biex jiħmar li jmut. Dan m'hu xejn minnu imma biss fantasija. L-immaġinazzjoni kultant tħobb tiġri bina.

Tisma' ħafna min jgħidlek li lsienu hu darbtejn itwal minnu, u anki tlieta; li jkun romblu u imbagħad jisparah 'l barra billi jonfħu; u anke li dan l-annimal m'għandux snien imma ħanek b'saħħtu. Skond l-aħħar studji li saru, ilsien dan l-annimal kapaci jlaħħaq 66 fil-mija tat-tul ta' ġismu u denbu flimkien. Ilsienu mhux romblu, imma ippakkjat qisu għonq ta' *'straw'* fuq biċċa qarquċa. Kif jara il-priża tiegħu, għajnejh (li kapaci iduru 360 grad) jiffukaw it-tnejn fuqu u b'saħħa ta' muskolu ippumpjat bid-demm lsienu jistira. Fil-ponta għandu ħofra bi bżieq iwaħħal. Il-priża teħel ma' lsienu u hu jiġbdu lura. Snien għandu filliera fuq u filliera isfel, b' total ta' mitt sinna żgħar ħafna. Dawn huma parti mill-għadam tax-xedaq (f'kelma waħda għandu xedaq li huwa forma ta' serrieq). Is-snien ma jintużawx biex iqatta il-priża imma biex jaffigħa u jkissirha biex tkun tista tinbela' sħiħa.

Ħafna qaluli li l-kamaleont huwa trux għax toqob tal-widnejn m'għandux. Minkejja li tinstema' stramba dan huwa minnu għax dan l-annimal huwa wieħed mill-



**Sieq ta' kamaleonte**

ftit rettili li ma jisimgħux. Mhux biss tanbur m'għandu imma saħansitra lanqas toqba tal-widnejn. Skond ħafna xjentisti dan ir-rettilu jħoss biss xi vibrazzjoni li jirċievi minn xi ħsejjes u minn xi caqlieq li jinzerta jaħbat ma' ġismu. Ngħiduha kif inhi, tant għandu għajnejh iżebbġu 'l hinn u 'l hawn u tant għandu ħila jgħix mistoħbi li dawn biss huma biżżejjed biex jikkaċċja u jipproteġi ruħu.

Ħafna jgħidulek li għandu biss żewġt iswaba' ħoxnin f'kull pala t' idu u ta' siequ biex jaqbad mas-siġar. Dan m'huwiex eżatt għax jekk wieħed jinnota is-sieq sewwa jintebaħ li hemm ħamest idwiefer fuq kull sieq. Kull difer jirrappreżenta subgħa li xi darba kien separat, imma li issa ngħaqad ma' ta' maġenbu biex jadatta aħjar għall-ħajja fuq is-siġar. L-idejn ta' quddiem għandhom żewġ swaba' magħqudin fuq in-naħa ta' ġewwa u tlieta magħqudin fuq in-naħa ta' barra. Is -saqajn għandhom l-istess ħaġa imma bil-kontra.

Jgħidulek ukoll li ma jgħix fuq is-siġar taċ-ċitru għax ir-riħa tal-frott tistordih. Huwa minnu li f'xi ġnien mimli ċitru dan l-annimal ma jkampax fil-tul, imma mhux ir-riħa tal-frott li tagħmillu l-ħsara iżda in-nuqqas ta' ikel li jsib fuq is-siġar. F'Malta l-kamalejonte ssibu l-iżjed jitgħaxxaq fuq xi xitla tal-bużbież jew xi tamarisk, imma ssibu wkoll fuq ħafna siġar aħra.

Sa ftit żmien ilu kont għadek issibu jinbiegħ fuq il-monti. Niftakarhom ibigħuh xi tliet liri Maltin. Biex jaqbduh kienu jfittxuh l-iktar bil-lejl - għax jekk titfa' d-dawl fuq siġra li fuqha jkun hemm dan l-annimal, malajr jinkixef għax id-dawl jirrifletti lura minn fuqu. Ħafna li kienu jrabbu dan l-annimal kienu jagħlfuh it-tadam. It-tadam il-kamaleonte ma jiklux, għax jiekol insetti biss, u kien jispiċċa jmut fi ftit gimgħat. Fortunatament dawn l-affarijiet llum, bit-tagħlim li hawn, saru xi ħaġa ta' dari.

## IS-SRIEP TA' MALTA

Mela Pawlu qabad qabda zkuk niexfa u tefagħhom fin-nar. Maz-zkuk kien hemm lifgħa, li malli ħasset is-sħana, ħarġet u qabdet ma' id Pawlu. In-nies tal-gżira, kif raw il-lifgħa imdendla ma' idu, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor, "dan ir-raġel żgur xi qattiel, għax għad li ħelisha mil-baħar, il-ġustizzja ma ħallitux jgħix". Imma hu farfar il-lifgħa ġon-nar u ma ġralu xejn. Huma stennew li jarawh jintefaħ jew jaqa' u jmut f'daqqa. Wara li damu jistennew u raw li ma ġralu ebda deni, bidlu il-ħsieb u bdew jgħidu li kien xi alla. (Atti 27-28, 3-6)

Dil-kitba t'hawn fuq, barra li hi ta' l-valur reliġjuz, hija l-iktar kitba qadima li ssemmi r-rettili f'pajjiżna. Dan it-tagħrif qajjem ħafna kwistjonijiet u mistoqsijiet jekk qattx eżistew f'Malta sriep velenużi. Din il-kitba fl-Atti ta' l-Appostli trid tgħid li n-nies li kienu jgħixu f'Malta ta' dak iż-żmien kienu jafu li jeżistu fostna sriep valenużi. Imma m'hawn xejn li jiddokumenta li f'Malta qatt eżistew sriep bħal dawn. Ma nistgħux neskludu li setgħu eżistew, imma lanqas fossili qatt ma nstabu jew xi forma ta' indikazzjoni tal-preżenza tagħhom f'pajjiżna, bħal ma nstabu ta' rettili oħra fosthom fkieren ta' l-art, gremxul ġganti, rospi, żrinġijiet, u oħrajn. Minn-naħa l-oħra n-nies li ġew ma' Pawlu żgur iltaqgħu xi darba jew oħra ma' sriep valenużi mill-pajjiżi li kienu ġejjin minnhom u ma nistgħux neskludu il-fatt li barra minn pajjiżna hawn sriep li jixbħu il-lifgħa li huma valenużi. Kif żviluppat il-ġrajja eżatt tibqa' misteru imma huwa fi żgur li min jgħid li Malta m'hawnx sriep jew ħlejjaq oħra valenużi ikun qed jiżbalja.

Hawn ħafna min jgħidlek li mal-ġrajja ta' San Pawl u meta ħaraq il-lifgħa neħħa il-valenu mhux biss tas-sriep ta' Malta imma tal-ħlejjaq kollha ta' din il-gżira. Jekk ma nidħlux fl-aspett reliġjuż malajr nindunaw li dan mhux minnu għax jeżistu diversi tipi ta' ħlejjaq tal-baħar f'Malta li huma valenużi. Għadha kif instabet riċentement brimba valenuża u saħansitra għandna serp valenuż (ara l-parti fuq it-teleskopu). Issa jekk il-velenu jasalx biex joqtol bniedem jew le, dik ħaġa oħra, imma l-fatt huwa li għandna ħlejjaq valenużi f'Malta.

Illum f'Malta jeżistu erba' speċi ta' sriep. Dawn huma:

**Il-lifgħa** (*Zamenis situla*), l-iżjed serp magħruf fil-gżejjer Maltin. Ħafna iżda ma jikkunsidrawhiex bħala serp. Ma nafx għaliex. Ftit huma dawk li jafu eżatt kif inhi lifgħa, imma meta titkellem man-nies, ħafna jgħidulek li l-lifgħa mhix serp. Dan mhux minnu. Il-lifgħa hija serp mżewwaq b'ħafna lwien ibbazati fuq il-kannella ċar. Iżjed ma tixjieħ il-lifgħa iżjed tisbieħ. Kapaċi tlaħħaq tul ta' aktar minn 150cm Dan is-serp, bħal sriep oħra qiegħed dejjem jonqos, imma filwaqt li tnejn mis-sriep l-oħra kienu dejjem aktar skarsi, il-lifgħa anki jien niftakarha aktar kommuni. Ilum trid tagħmel wegħda biex tinzerta waħda. Barra li hija imsemmija fil-bibbja, jeżistu diversi għajdut u qwiel fuqha. L-iżjed qawl popolari hu: *Tħallix il-lifgħa tidħol f'komtok/f'ħobbok*. Jiġifieri tagħtix kunfidenza lil min jista' jdaħħlek fl-inkwiet. Il-lifgħa, bħas-sriep kollha mill-istorja ta' Adam u Eva 'l hawn, għandha fama ħażina. Qawl jixbħu imma mhux daqshekk magħruf hu: *Min idaħħal il-lifgħa f'komtu, ittemmu,* li jfisser li min jistieden l-inkwiet, jew jagħmilha ma' min hu ta' qattagħni, jiġi fil-għali

**Is-serp l-iswed** (*Hierophis viridiflavus*) huwa l-ikbar serp u l-aktar li għadek issib fil-kampanja. Minn dejjem kien komuni iżjed mill-oħrajn, u peress li issa kollox qed jonqos iżjed allura jispikka. Dan is-serp ġeneralment jilħaq tul ta' 150cm. Imma, bħal fil-każ tax-xahmet l-art, fuq Kemmuna sibt eżemplari twal sa anki 237cm. Min-naħa l-oħra, l-eżemplari li sibt Għawdex kienu pjutost iżgħar minn ta' Malta. L-eżemplari li rajt tal-gżejjer ta' San Pawl terġa' kienu ferm iżgħar, u dan jgħodd kemm għas-serp l-iswed u kemm għal-lifgħa li ukoll tinstab hemmhekk. Il-kulur ta' dan is-serp (kif jissuġġerixxi ismu) meta jkun adult hu iswed imma meta ikun żgħir u għadu qed jikber ikun ta' diversi lwien differenti. Għalhekk hawn ħafna min iħawwad il-ferħ tas-serp l-iswed ma' lifgħa żgħira. L-iktar għajdut popolari fi gżiritna għal dan l-ispeċi hi li s-serp jagħmel għal-ħalib. Allura huwa ta' periklu għat-trabi – għax ikollhom il-ħalib ġo ħalqhom - u jekk isib tarbija, jidħol ġo ħalqha minħabba ir-riħa tal-ħalib u jifgaha. Dan mhu minnu xejn u tul ir-riċerka għal din il-kitba ma

sibt l-ebda indikazzjoni li dan hu vera. Imma dan hu għajdut popolari f'ħafna lokalitajiet f'Malta.

Hawn ħafna min jgħidlek li s-serp l-iswed toqtlu biss b'daqqa ta' qasba fuq rasu. Din qaluhieli ħafna bdiewa u ma sibtx dil-fehma minn fejn hi ġejja. Żgur li ma tgħoddx għal żmienna meta iktar hemm ċans li das-serp ilaqqat xi ħasla ċomb. Is-serp huwa ta' problema kbira għan-nassaba, u peress li s-serp l-iswed hu l-aktar komuni, n-nassaba ħafna drabi jaraw lilu bħala dak li għamlilhom il-ħsara. Għal serp li jkun għaddej ifittex il-priża, għasfur magħluq ġo gabjetta daqs tikka, ġo nofs għalqa mal-art, u ma jista' jaħrab minn imkien, huwa priża faċli u tentazzjoni kbira. Allura ħafna drabi s-serp jidħol għalih u jibilgħu. Imma mbagħad ma jkunx jista joħrog, għax ikun ħxien bl-għasfur ġo żaqqu. Fil-maġġoranza tal-każi ilaqqatha m'għand in-nassab, u għal dir-raġuni (għalkemm mhux din biss) s-sriep qegħdin dejjem jonqsu. Is-serp ikun fil-ġenna ta' l-art meta jsib ruħu f'xi għalqa miżrugħa, ngħidu aħna bil-qamħ, peress li din tattira ħafna ġrieden. Ħafna llum jifhmu li dan hu ta' ġid kbir fil-kontrol tal-grieden. Imma jew għax jibżgħu minnu, jew għax jisħet (għandna tendenza li nemmnu li kull ħaġa sewda, bħal baħrija, jew qattus, tisħet jew iġġib l-isfortuna), jew għal xi raġuni oħra s-serp jispiċċa jlaqqatha. Peress li ssibu f'dan it-tip ta' ambjent, iltqajt mal-qawl:
*Is-serp l-iswed*
*fit-tiben issibu jitkiswed'.*
Ma nafx eżatt xi tfisser iżda tawni diversi spjegazzjonijiet l-aktar fosthom li s-serp hawn ikun f'postu, komdu fit-tiben u ħafna drabi tkun l-aħħar swidija li jħallik tara dan is-serp qabel jiżgiċċa.

**It-teleskopu** (*Telescopus fallax*) huwa ferm inqas magħruf għax hu ferm aktar skars minn l-ewwel tnejn. Huwa l-uniku serp li-għandna li ma joqtolx il-priża tiegħu billi jifgaha imma billi jivvelenaha. Iħobb jiekol rettili oħra, filwaqt li t-tlieta l-oħra iżjed iħobbu jħufu għall-mammiferi żgħar bħal m'huma l-ġrieden. Joħroġ l-aktar bil-lejl. Jintagħraf malajr mill-ħabba t'għajnejh li għandha għamla ta' dik ta' qattus u jlaħħaq tul ta' mhux aktar minn 120cm sa 140cm. Peress li dan is-serp mhux daqstant magħruf l-ebda għajdut jew ħaġa oħra ma rnexxieli niġbor fuqu ħlief biss li hawn min jirreferi għalih bħala **l-lifgħa ta' bil-lejl.**

**Is-serp l-aħdar** (*Hemorrhois algirus*) huwa l-inqas magħruf fost is-sriep ta' Malta. Għandu lewn ma jagħtix fil-għajn. Kuluru hu griż bid-dbabar suwed u meta jixjieħ, fuq in-naħa posterjuri ta' rasu jiżdied il-kulur ikħal. Bħala tul huwa l-iżgħar fost is-sriep lokali u jlaħħaq madwar 100cm. Probabbli li, bħat-teleskopu, inġab Malta bil-vapuri tal-merkanzija fl-ewwel gwerra dinija fejn istabilixxa ruħu n-naħa tal-belt u l-portijiet tal-qrib fejn, sal-lum, għadek l-aktar li ssibu. Jinstab ukoll f'numru tajjeb f'xi ġonna l-belt, imma l-bqija rari kullimkien. Min-naħa l-oħra, t-teleskopu huwa rari wkoll, imma infirex anki sa l-Għadira. Ħafna nies lanqas jafu li jeżisti, imma xi wħud mill-Isla u mill-Birgu qaluli kemm il-darba li l-lifgħa ta' max-xtut isibuha bħala **l-lifgħa il-griża**. Probabbli jkunu qed jirreferu għas-serp l-aħdar.

## AFFARIJIET OĦRA ASSOĊJATI MAS-SRIEP.

Qawl Malti li hu assoċjat mas-sriep jgħid: *In-nies ta' l-art, sriep ta' l-art,* li jfisser li l-bdiewa (in-nies ta' l-art) jgħaddu ħajjithom fl-għelieqi bħas-sriep, u x-xogħol tant jaħqarhom li daharhom jitgħawweġ u fl-aħħar imutu biex jindifnu ġol-ħamrija ta' l-art.

Minħabba l-miġja ta' San Pawl f'Malta, pajjiżna kien għal żmien twil



**Gremxula ta' Kemmunett**

imsemmi għall-kura tal-gdim tas-sriep velenużi. Kemm il-Maltin u kemm il-barranin kienu jemmnu li l-famużi *Ilsna ta' San Pawl*, jekk jitfarrku u jinsaħqu fi trab, kienu jfejqu lil min jingidem minn xi serp velenuż. L-Ilsna ta' San Pawl huma fossili, snien tal-klieb il-baħar, dawk li jissejħu *għajnejn is-serp* huma rkiekel mis-sinsla tad-daħar ta' xi ħuta kbira ffossilizzata. Anke trab meħud mill-art jew mill-ħitan ta' l-għar fejn jingħad li kien ikkalzrat San Pawl, ir-Rabat, mħallat mal-bżieq ta' xi persuna li twieldet fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, kien jgħin mirakoluzikament fil-fejqan ta' l-individwu.
Għajdut li jingħad mhux f'Malta biss, u li jien smajtu f'Ħal Luqa, jgħid li s-serp jekk taqtagħlu denbu ma jibqax valenuż. Xi wħud qaluli li jemmnu li velenu jkun n-naħa posterjuri ta' denbu, allura jekk taqtagħulu jibqa' jagħmel il-ġid – għax jiekol il-ġrieden u ma jkunx perikoluz!. Naf żgur li l-prattika, alavolja illegali, għadha issir għax kemm-il darba f'din il-lokalita sibt sriep, speċjalment sriep suwed, b'denbhom maqtugħ. Msejken serp, dik l-agunija li kellu jgħaddi minnha!

## IL-FKIEREN TAL-BAĦAR

Minn dawn għandna 5 speċi irrikordjati fl-ibħra Maltin. **Il-fekruna ta' Kemp**, u **l-fekruna tat-tikek** dehru darba biss, allura it-tlieta l-oħra huma meqjusa parti mill-fawna Maltija għax jidhru ferm aktar spiss.

**Il-fekruna tal-baħar is-sewda** (*Dermochelys coriacea*) hija rari ħafna fl-ibħra tagħna u ġiet irrekordjata biss xi ħdax-il darba. Jingħad li laħamha mhux tajjeb għall-ikel. Ħafna mill-istejjer fuq dehriet ta' mostri fil-baħar ma kienu xejn ħlief din il-fekruna meta tixref għonqha f'wiċċ l-ilma - peress li tlaħħaq daqsijiet enormi ta' madwar 210cm fil-qoxra tad-daħar, u piż ta' 'l fuq minn 350Kg (u ġieli jaslu sa 600Kg). Dawn id-dehriet ta' mostri huma l-uniċi għajdut li nista' nsemmi fuq din il-fekruna.

Ma sibt l-ebda għajdut marbut mal-**fekruna tal-baħar il-ħadra** (*Chelonia mydas*). Din tixbaħ ħafna lill-fekruna tal-baħar l-komuni imma hija akbar u itqal. Jintgħarfu minn xulxin mill-qxur kustiljari. Filwaqt li il-ħadra għandha erba' minn dawn il-qxur, dik il-komuni għandha ħamsa. Il-qxur kustiljari tal-ħadra huma wkoll ta' l-istess daqs u spiss ikunu mtektka bil-kannella, jew b'lewn ir-ram aħmar, b'disinn jixgħel.

**Il-fekruna tal-baħar il-komuni** (*Caretta caretta*) kif jgħid isimha hija l-aktar li tidher fl-ibħra Maltin. Fl-imgħoddi kienet ukoll tbejjed ġo xi ramliet Maltin. M'hemmx xi għidut speċjail fuqha, imma l-Maltin jafu patflun ta' tagħrif ta' kif tinqabad, tissajjar u tittiekel. Fl-aħħar dil-fekruna ġiet protetta bil-liġi u ma tistax tinqabad. Daħar il-fekruna kien ukoll jintuża bħala dekorazzjoni, u anke bħala bażi biex titpinġa xi figura jew disinn fuqha. Ma nixtieqx noqgħod nirrepeti dak li diġa' nkiteb, imma nissuġerixxi lill-qarrej jara x-xogħol tajjeb ta' Steve Borg fl-Imnara numru tletin bit-titlu *'Kif kienet tissajjar il-fekruna f'Wied il-Għajn'.*

## IL-FEKRUNA TA' L-ART

Minkejja li dawn m'humiex rettili lokali u qatt ma nstabu jgħixu fis-selvaġġ, il-fkieren ta' l-art ilhom jakkumpanjaw il-bniedem minn żmien il-qedem. Sa anke l-għadam tal-qoxra ta' darhom instab f'Għar Dalam u postijiet oħra ma' fdalijiet assoċjati ma' dawk tal-bniedem. Dawn l-annimali kienu u għadhom (imma llum illegali li tagħmel dan) jinġiebu minn postijiet oħra fil-Mediterran u l-Afrika ta' fuq biex jinħelsu fil-ġonna Maltin u kienu jitqiesu bħala barka u riżq. Filwaqt li illum jinstabu diversi speċi f'Malta, fl-antik meta kienu għadhom jintużaw fis- superstizzjonijiet u fil-mediċina (bla ebda bażi xjentifika) kien hawn l-aktar l-ispeċi ta' fekruna ta' l-art magħrufa bħala dik **ta' l-ixpruni** (*Testudo graeca*) u xi tnejn oħra. Illum irid ikollok permess biex iżżommhom u tkompli tkattar minnhom. Bil-ħruġ u l-esportazzjoni tal-fkieren mill-abitat naturali tagħhom li seħħet fil-mitt sena bejn l-1880 u l-1980 dawn il-ħlejjaq ġew fil-periklu li jinqerdu għal kollox.

Dari meta xi ħadd kien ikun ibati bl-aċċessjonijiet (jiġifieri b'tal-qamar), kienu jużaw id-demm ta' dan l-annimal. Kienu jemmnu li jekk tixrob id-demm frisk ta' din il-fekruna, preferibbilment waqt l-aċċessjoni nnifisha jew ftit wara, kont tfieq. Kienu jużaw id-demm ta' din il-fekruna wkoll għas-suffejra. Għal raġel marid bis-suffejra kienu jieħdu d-demm mis-sieq ix-xellugija ta' fekruna mara; u għal mara marida bis-suffejra kienu jieħdu d-demm mill-ġewnaħ tal-lemin (il-ġewnaħ hu s-sieq ta' quddiem) ta' fekruna raġel. Kienu jġiegħlu lill-marid ibill sebgħu l-kbir fid-demm u jagħmel salib bih fuq minkbejh u fuq irkubbtejh.

Sibt tliet qwiel bil-Malti li fihom tissemma l-fekruna:. **Biex il-fqir jara xi faraġ il-fekruna trid titla' it-taraġ**, jiġifieri li x-xorti tal-fqir dejjem tagħtih fuq wiċċu u rari jġibha żewġ; **"Taħraq dinha l-għaġla', qalet il-fekruna x'ħin telgħet tarġa u waqqgħet tnejn**, jiġifieri li l-fekruna ppruvat tagħmel l-affarijiet bil-għaġla u iktar waqqgħet lura. Forsi verżjoni oħra ta' min jimxi bil-mod jasal kmieni. **Sema naqxet il-fekruna jew xita qliel jew riħ fortuna**, jiġifieri li meta fis-sema jidher dak is-sħab li nafuh bħala daħar il-fekruna, sinjal li jew ġejja x-xita qawwija jew xi riefnu.

## L-AMFIBJI

L-amfibji huma ħlejjaq li għandhom ġilda tiżloq u li tiflaħ għall-ilma. Hu għalhekk li ħafna minn dawn l-ispeci jgħixu fl-ilma, u ħafna drabi, għalkemm mhux l-ispeċi kollha, jbidu u jiddepożitaw il-bajd tagħhom fl-ilma. Iż-żgħar li jfaqqsu mill-bajd ħafna drabi ma jkunu jixbħu xejn lill-adulti. Ngħidu aħna l-marżepp (bl-Ingliż *tadpole*) li hu ż-żgħir taż-żrinġ, ma jixbaħ xejn liż-żrinġ. L-ispeċi ta' amfibji li nstabu l-fossili tagħhom f'Malta imma li llum huma estinti minn pajjiżna (għalkemm jinstabu postijiet ohra) huma **ir-Rospu il-Kbir** (*Bufo bufo)* u **ir-Rospu l-Aħdar** (*Bufo viridis)*. Ma' dawn instab iffossilizzat ukoll l-unika amfibju indiġenu Malti u li għadu jgħix fostna illum. Dan huwa **iż-Żrinġ** (*Discoglossus pictus)* li ġej minn familja primittiva, u llum tiġbor fiha madwar tmien speċi. Il-popolazzjoni li għandna f'Malta ta' dan iż-żrinġ hija ta' dik ir-razza imsejħa *pictus* u din tinstab biss fuq gżiritna u fi Sqallija. Il-popolazzjoni ta' dan iż-

żrinġ għalkemm għadha pjutost frekwenti qiegħda dejjem tonqos. Ir-raġuni għal dan hi sempliċi: il-ħsara li qed jagħmel il-bniedem, kemm bil-qerda ta' l-ambjent, kif ukoll bil-ġbir ta' l-ilma mill-widien fejn tgħix din il-kreatura. Barra minn hekk issa għandna problema oħra, li mhix ta' Malta biss imma saret problema dinjija – l-introduzzjoni ta' speċi aljeni li jistgħu jikkawżaw il-qerda tal-ħlejjaq ta' dak il-post. Ċerti drawwiet ħżiena wkoll ma għenux biex iż-żrinġ ikompli joktor. Dari, t-tfal kienu jaqbdu ż-żrinġijiet, jonfħuhom b'xi pamp tar-rota, mbagħad jifqgħuhom billi jirfsuhom. Iż-żrinġ kien jintefaħ kemm minn wara u kemm minn quddiem. Għadek sallum issib tfal li fil-ħarġa ta' nhar ta' Ħadd jaqbdulek l-imrieżeb minn Wied il-Qlejgħa, biex imbagħad iħalluhom imutu ġo xi bott - minkejja li dan hu illegali. Smajthom jgħidu kemm-il darba li ż-żrinġ jista' jdum taħt l-ilma għax jixrob l-arja mill-ilma, jew għax għandu xi pulmun enormi. Din mhix eżatt. Pulmun enormi m'għandux. Huwa veru iżda li jista' jdum taħt l-ilma għax jasorbi xi ftit ossiġnu mill-ġilda mill-istess ilma.

Fil-bidu tad-disgħinijiet ġiet introdotta speċi ta' żrinġ f'ħafna lokalitajiet tal-gżejjer Maltin. Wara li sar studju fuqha nstab li kienet speċi li kellha bżonn l-ilma s-sena kollha u allura ma setgħatx tgħix kullimkien fi gżiritna u tinxtered kif trid. Wieħed mill-postijiet fejn din l-ispeċi qabdet sew huwa l-Għadira ta' Sarraflu f'Għawdex, fejn il-popolazzjoni qiegħda dejjem tikber. **Iż-Żrinġ ta' Sarraflu** (*Pelophylax bedriagae)* hija speċi aljena fi gżiritna u peress li qabdet fl-ambjent Malti il-konsegwenzi ta' dak li għamilna b'idejna għadhom mhux daqshekk magħrufa. Fortunatament hija speċi lokalizzata u l-uniċi studji li hawn s'issa jindikaw li tiekol insetti komuni, imma tiekol wkoll kważi kull m'hu iżgħar minnha. Fl-istess lokalita' jinstab ukoll jgħix magħha iż-Żring Malti. Peress li m'ilhiex daqshekk hawn, għajdut fuq din l-ispeci ma sibtx, ħlief li qabel ma daż-żrinġ ġie identifikat ħafna ħasbu li kienu qed jisimgħu il-ħoss ta' xi għasfur ta' l-ilma. Kien hemm min laqqmu iż-żrinġ taċ-ċief – minħabba l-ħoss li jagħmel.

Għalkemm għall-bniedem komuni l-importanza ta' dawn il-ħlejjaq li semmejna tidher negliġibbli, imma il-preżenza tagħhom tinħass sew. Dawn il-ħlejjaq tnizzlu fl-istorja ta' Malta f'diversi dokumenti, lokali u barranin, f'kotba lokali, stejjer u ħrejjef, u saħansitra ġol-Bibbja nfisha. F'ilsienna jissemmew fil-qwiel, u saħasitra dehru ukoll f'settijiet tal-bolol. Illum reġgħet saret moda it-tpingija fuq il-ġisem, imma minflok tara xi ankra jew xi tigra (bħal dari) llum issib min għandu xi serp jew xi gremxula. Jiġifieri daqs kemm hawn min jibża' minnhom, hawn ukoll min iħobbhom jew għallinqas hemm xi ħaġa li tiġbidna lejhom. B'xorti ħazina sar moda wkoll li jkollok xi speċi ezotika bħala pet. Hu meħtieġ li jsir kontroll xieraq fuq dan il-fatt.

Dawn iż-żewġ kitbiet (din tal-lum u l-oħra ta' l-Imnara tas-sena li għaddiet) nittama li jagħtu bidu għal riċerka serja fuq il-qlajjiet, l-għajdut u l-folklor marbut ma' dawn il-ħlejjaq f'pajjiżna. Bl-ebda mod ma ridt nagħti l-impressjoni li dan ix-xogħol hu komplut.

## Ħajr

Nixtieq nibda billi nerġa' nirringrazzja lil dawk kollha li tajt ħajr fl-ewwel artiklu, speċjalment lil dawk l-anzjani u r-raħlin kollha li ssapportew l-bumbardament ta' mistoqsijiet tiegħi, u bil-paċenzja kollha qagħdu jweġbuni. Ħajr ukoll lil Dr. Albert Ganado, Joe Morales u Jeffrey Sammut ta' xi informazjoni li għaddewli. Fl-aħħar imma mhux l-anqas niżżi ħajr lit-tfajla tiegħi Esther tal- paċenzja li ħadet tiġri miegħi għar-riċerka u tgħini fl-ittajpjar ta' dan ix- xogħol.

## Referenzi

ATTARD V. *Il-lifgħa ta' San Pawl*, Flimkien, Numru 3 pġ 55. (2005)

BALDACCHINO AE, SCHEMBRI PJ *Ir-Rettili u l-Amfibi tal-Gżejjer Maltin.* SSCN:Malta, +46p (1993)

BALDACCHINO AE, SCHEMBRI PJ *Amfibi, Rettili, u Mammiferi fil-Gżejjer Maltin.* Kullana Kulturali 39 PIN, 258pp. 10pls. (2002)

BORG S. *Kif kienet tissajjar il-fekruna f'Wied il-Għajn*, L-Imnara Nru. 30 pġ 149-450 (2006)

GULIJA, GAVINO, *Repertorio di Storia Naturale.* (1858)

GULIA G. *Erpetologia Maltese.* Il Naturalista Maltese, I(2):14-15 (1858)

GĦAQDA BIBBLIKA MALTIJA, *Il-Bibbja.* It–tieni edizzjoni. Clayted, UK , 309pp (1996)

LANFRANCO G.G *Reptiles and Amphibians of the Maltese Islands.* Malta Year Book, p.198-203 (1955)

MANDUCA, J.S, MIFSUD G. *Il-Qawl lqul*,.PEG, 316pp. (1989)

SAVONA-VENTURA C. *Reptiles & Amphibians in Maltese medical folklore.* Civilazation 10 (1984)

SAVONA-VENTURA C *Maltese Medical Folklore. Man and the Herpetofauna in Malta. A Review.* Malta Med J, 2(1):41-43 (1990)

SCHEMBRI PJ *Two-tailed Gecko.* Malt Nat, 2(1):25 (1975)

SCHEMBRI PJ *The Maltese Wall lizard* Civilization 27, (1986)

SCIBERRAS A. *Reptiles - Our scaly friends.* The Malta Independent. October 22nd pg.6 (2005)

SCIBERRAS A & SCHEMBRI P.J. *Occurrence of Alien Bedriaga's frog (Rana bedriagae) Camerano, 1882 in the Maltese Islands, and implications for conservation.* Herpetological Bulletin-Number 95 pġ 2-5 (2006)

SCIBERRAS A. *Għajdut, Qlajjiet u Folklor fuq il-Gremxula ta' Malta* .L-Imnara Nru. 30 pg108-112. (2006)

SCIBERRAS A. *L-Istorja ta' L-Amfibji Fil-Gżejjer Maltin.* L-Orizzont Ottubru 25 (GĦalik pg viii) (2006)

SCIBERRAS J. *Mhux Ta' Filfla !!!* Ħuttafa ħarġa 44 pg.8 Birdlife Malta (2001)

WARING,G *Letters from Malta and Sicily.* London Press pg 90-96 (1843)